

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: J.-C. Halleux u M. Jacobs, aġenti)

### **Dispożittiv**

- 1) Billi żamm fis-seħħ id-dispożizzjonijiet skont liema l-interessi relatati mad-djun irappreżentati mit-titoli ta' oriġini Belġjana huma suġġetti għall-withholding tax meta dawn it-titoli jiġu ddepożitati jew iskritti fil-kontijiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li ma huwiex ir-Renju tal-Belġju jew fi Stat terz li huwa parti kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992, filwaqt li dawn l-interessi huma eżenti mill-withholding tax meta l-imsmemija titoli jiġu ddepożitati jew iskritti fil-kont ta' istituzzjoni finanzjarja stabbilita fil-Belġju, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 36 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju tal-Belġju għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 73, 2.3.2015.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Ottubru 2015 – Banco Privado Português, SA – em liquidação, Massa Insolvente do Banco Privado Português, SA – em liquidação vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-93/15 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Għajnuna mogħtija mir-Repubblika Portugiża favur stabbiliment finanzjarju fil-forma ta' garanzija tal-Istat assoċjata ma' self — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern — Artikolu 107(1)TFUE — Artikolu 107(3)(b) TFUE — Appell manifestament inammissibbli u manifestament infondat)

(2015/C 429/09)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

### **Partijiet**

Appellant: Banco Privado Português, SA – em liquidação, Massa Insolvente do Banco Privado Português, SA – em liquidação (rappreżentanti: M. Ferreira Santos u R Leandro Vasconcelos, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. França u L. Flynn, aġenti)

### **Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Banco Privado Português, SA u Massa Insolvente do Banco Privado Português SA huma kkundannati għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 127, 20.04.2015.